MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Numru 17/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 17 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**PAUL TEDESCO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Tedesco ta’ 56 sena, bin Francis Gauci u Mary Tedesco, mwieled l-Ingilterra nhar id- 19 ta’ Lulju 1950, u residenti fil-fond Nru. 1 Castellino, Triq l-Iskola, Zabbar, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 27237(A);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
1. fil- 1 ta’ Dicembru 2006 u fil- gimghat ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, u cioe ittra datata 4 ta’ Mejju 2006, b’falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, oblligi jew heslien minn obbligi f’ dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddell klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatt, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

2. Aktar talli fl- istess cirkustanzi b’ falsifikazzjoni b’ firem foloz, jew b’ tibdil f’ atti , fi skritturi, jew f’ firem, jew billi dahhal isem ta’ persuna mhux veru , ghamel falsifikazzjoni fi skrittura private u cioe ittra datata 4 ta’ Mejju 2006, li ktkun tista’ taghmel hsara li xi persuna jew iggib utli.

3. Aktar talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu mill- istess skrittura jew skritturi foloz.

4. Aktar talli fl- istess cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xejntement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe ittra datata 4 ta’ Mejju 2006, mhux imsemmi fl- Artikoli ta’ qabel.

5. B’hekk ukoll kiser il- kundizzjonijiet ta’ probation imposti fuqu b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati mghotija fit- 18 ta’ Ottubru 2006.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal ta' llum, fejn l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-imputat kien miet fil-mori tal-kawza, u kellu jipproduci certifikat tal-mewt tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 183, 184, 187 (1) (2), 189 tal – Kapitolu 9 u l- Artikolu 22 tal- Kapitolu 466 tal- Ligijiet ta' Malta;

Stante l-mewt tal-imputat fil-mori tal-Kawza;

Din il- Qorti tiddikkjara l-procediment ezawrit ghar-rigward l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Tedesco

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------